



Brussell, 13 ta' Frar 2020
(OR. en)

5931/20

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0176(CNS)
2018/0181(CNS)

FISC 56
ECOFIN 66

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Dazji tas-sisa a) DIRETTIVA TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) b) REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa rigward il-kontenut tar-reġistri elettroniċi – Approvazzjoni tal-verżjoni bil-lingwa Irlandiża

1. Fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill (Ambjent) adotta d-Direttiva tal-Kunsill li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) (dokument 14107/19 FISC 442 ECOFIN 1003) u r-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 389/2012 dwar kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tad-dazji tas-sisa fir-rigward tal-kontenut ta' reġistri elettroniċi (dokument 14108/19 FISC 443 ECOFIN 1004).
2. Il-verżjonijiet bil-lingwa Irlandiża tad-Direttiva u tar-Regolament imsemmija hawn fuq, li ma kinux prodotti qabel l-adozzjoni tagħhom, issa huma disponibbli. Il-COREPER huwa għaldaqstant mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova, f'waħda mis-sessjonijiet li jmiss tiegħu, bħala punt "A", il-verżjonijiet bil-lingwa Irlandiża tad-Direttiva u tar-Regolament, kif iffinalizzati mill-ġuristi lingwisti u kif jinsabu fid-dokumenti 14107/19 FISC 442 ECOFIN 1003 u 14108/19 FISC 443 ECOFIN 1004.